MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 250/2013

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali numerata 2415/13 mibghuta ai termini tal-Artikoli 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Rodney Testa ezercenti l-kummerc bl-isem TechnoWorld**

**vs**

**Lorraine Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ta' Lorraine Farrugia prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Awwissu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti:

*"Illi permezz tal-ittra ufficjali citata, Rodney Testa jrid illi jirrendi ezegwibbli numru ta' kambjali, annessi mal-istess*

*ittra ufficjali, li kienu gew iffirmati minn certu Kyle Farrugia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 39691(M).*

*Illi l-esponenti tigi omm l-istess Kyle Farrugia li sfortunatament kien miet fit-22 ta' Mejju 2010 u dana skont ic-certifikat tal-mewt li qieghed jigi anness mal-prezenti bhala Dokument A.*

*Illi l-esponenti rrinunzjat ghal sehemha mill-wirt tal-imsemmi Kyle Farrugia u dana permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) numerat 584/2013, li kopja tieghu qieghed jigi anness mal-prezenti bhala Dokument B.*

*Illi ghaldaqstant il-mittenti mhijiex eredi ta' Kyle Farrugia kif allegat fl-ittra ufficjali citata u konsegwentement il-kambjali m'ghandhomx jigu rezi ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Illi fil-fehma umli tal-esponenti din hija raguni gravi u valida sabiex hija topponi l-ezekuzzjoni tal-istess kambjali.*

*In vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni."*

Rat ir-risposta ta' Rodney Testa li giet prezentata fis-7 ta' Ottubru 2013 fejn eccepixxa:

*"Illi fil-5 t'Ottubru 2009, l-esponent ezercenti l-kummerc bl-isem TechnoWorld iffirma kuntratt ta' hire purchase ma' Kyle Farrugia detentur tal-Karta ta' l-Identita' 39691M, li huwa t-tifel ta' l-intimata, fejn ma' dan il-kuntratt l-istess Kyle Farrugia kien iffirma disgha kambjali ta' mija u erbghin ewro-il wahda (€140) li minn dawn id-disgha kambjali l-istess Kyle Farrugia hallas lill-esponent tlieta minnhom cioe' hallas l-ammont ta' erbgha mija u ghoxrin ewro (€420) u kien ghad fadallu jhallas l-ammont ta' tmien mija u erbghin ewro (€840) cioe' l-ammont reklamat mill-ittra ufficjali ntavolata.*

*Illi Kyle Farrugia miet fit-22 ta' Mejju 2012 u dan skond kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tieghu ezebit mill-intimata.*

*Illi Kyle Farrugia miet intestat u ghalhekk skond Artikolu 812 tal-Kodici Civili minhabba li l-mejjet ma halla warajh ebda tfal jew dixxendenti ohra, lanqas lil martu, il-wirt ghadda ghall-eqreb axxendent, u f'dan il-kaz in ezami il-wirt ghadda fuq ommu l-intimata Lorraine Farrugia, tant hu hekk li l-istess intimata tlett snin wara l-mewt ta' binha rrinunzjat ghal sehemha mill-wirt ta' binha.*

*Illi din ir-rinunzja hija nulla u bla effett fil-ligi ghaliex skond Artikolu 869 tal-Kodici Civili werriet li fil-fatt ikollu l-pussess ma jistax jirrinunzja ghall-wirt wara tlett xhur. L-intimata pprezentat cedola ta' depozitu fejn ddepozitat it-television mixtri minn binha fit-28 t'Awwissu 2013, ferm wara t-tlett xhur imsemmija f'Artikolu 869. Dan ifisser li l-intimata kienet fil-pussess qabel it-tlett xhur imsemmija kwindi ma setghetx tirrinunzja ghall-wirt wara t-tlett xhur.*

*Illi dan l-artikolu 869 tal-Kodici Civili gie nterpretat permezz ta' sentenza fl-ismijiet Joseph Gauci et vs. Jane Galea et moghtija mill-Imhallef Tonio Mallia fit-3 t'April 2003 fejn il-Qorti rriteniet illi rinunzja ta' wirt wara tlett xhur mill-mewt tal-mejjet hija possibbli jekk l-eredi ma kinux fil-pussess tal-hwejjeg li jiffurmaw parti mill-wirt tal-mejjet u l-eredi ma jkunux ghamlu atti di erede. Fil-kaz in ezami il-fatt illi l-intimata hija l-eredi tal-mejjet, prova ta' dan illi ghamlet rinunzja tal-wirt, kif ukoll il-fatt illi t-television in kwistjoni gie depozitat tlett snin wara l-mewt tal-mejjet, juru minghajr dubju illi l-intimata kienet fil-pussess tat-television ghat-tlett xhur mill-mewt tal-mejjet u ghamlet atto di erede ghaliex uzat tali television. Dan ifisser li accettat il-wirt u li la darba accettat il-wirt u ghaddew it-tlett xhur imsemmija fl-artikolu 869 l-intimata ma setghetx tirrinunzja ghall-wirt ta' Kyle Farrugia.*

*Illi parti minn dak il-wirt ta' Kyle Farrugia kien l-obbligazzjoni tal-hlas tal-kambjali li ffirma hu stess a favur l-esponent u la darba l-intimata accettat il-wirt anki b'mod tacitu kif inhu l-kaz hija responsabbli li thallas l-ammont rikjest mill-esponent rizultanti mill-kambjali in kwistjoni.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni."*

Semghet ix-xhieda imressqa mill-partijiet.

Ir-rikorrenti **Lorraine Farrugia** xehdet nhar it-13 ta' Novembru 2013 fejn meta giet mistoqsija jekk hemmx il-firma taghha fuq il-kambjali li qed iffittixha fuqhom Rodney Testa wiegbet li ma hemmx. Iddikjarat li l-firma fuq dawn il-kambjali hija tat-tifel taghha Kyle Farrugia li llum il-gurnata ma ghadux maghhom ghax sfortunatament miet. Dan kien it-tifel taghha l-kbir. Qalet li fil-fatt dan kien miet tlett snin u hames xhur ilu. Sakemm kien ghadu haj binha, hi ma kellha l-ebda diskussjoni ma' Rodney Testa. Spjegat li appena saru jafu li t-tifel taghha kien mejjet minghand il-pulizija, kienu rcevew telefonata minghand Rodney Testa fejn kien staqsieha xi domandi fuq dawn il-kambjali, u naturalment ommha, li kienet wegbitu, qaltlu li dak il-hin ma kellhomx mohh. Qalet li hija dakinhar ma kinitx prezenti ghaliex kienet qed tahseb ghall-funeral u dan ghaliex ommha kienet qaghdet mat-tlett it-tfal taghha l-ohra. Taf li Rodney kien cempel dak in-nhar biex jitlob il-pagament. Lis-sur Testa hija kienet kelmitu u qaltlu li t-tifel Kyle ma kienx ghadu maghhom. Iddikjarat li hija single mother u kienet qed trabbi tlett it-tfal ohra u ma kelliex minn fejn thallas. It-tifel taghha Kyle kellu tmintax il-sena. Mistoqsija jekk hija ghamlitx il-procedura tar-rinunzja ghal-wirt tat-tifel wiegbet li ghamlet. Fil-fatt kienet iprezentajt rikors fil-Qorti Volontarja u fil-fatt ir-rikorrenti ghamlet referenza ghad-digriet tal-Qorti Numru 584/2013 esebit fl-atti a fol 3. Rigward it-television, hija ddikjarat li lis-sur Testa qaltlu li meta jrid jista jmur jigbru ghaliex hija ma ghandiex minn fejn inhallsu. Din il-konverzazzjoni, cioe' sabiex imur jiehu lura t-television, ommha qalitha lil Rodney. Ziedet tghid li hija sahansitra pprezentat ukoll cedola formali ta' depozitu ta' dan it-television taht il-konfidenza dejjem tal-Qorti. Hija ipprometti et li tesebixxi kopja ta' din ic-cedola fis-seduta sussegwenti. Qalet li effettivament it-tifel taghha miet fit-22 ta' Mejju 2010. It-television in kwistjoni kien pero' fid-dar taghha ghaliex it-

tifel kien jghix maghha. Dan it-television kien jinsab fil-kamra tas-sodda tieghu. Qalet li sussegwentament wara l-mewt tat-tifel Kyle, il-kamra tieghu qed tintuza miz-zewgt it-tfal l-ohra taghha u ghalhekk it-television hargitu minn din il-kamra u ghadu ghandhom fis-salott sal-lum.

**Maria Victoria Buttigieg**, xehdet ukoll fl-istess seduta tat-13 ta’ Novembru 2013 fejn iddikjarat li hija tigi omm ir-rikorrenti.Tiftakar li jum it-tnejn kien cempel Rodney Testa, kien ghal habta ta’ nofsinhar u hija qaltlu li t-tifel kien miet u ma kienx hin li jitkellmu.  Huwa qallilha li kien ok u qata’ l-linja. Qalet li pero’ huwa ma regax cempel. Hija kienet tkun ta’ spiss id-dar tat-tifla ghaliex kienet tmur toqghod mat-tfal taghha. Iddikjarat li hija qatt ma qaltlu lil Rodney biex imur jigbor it-television u ma tafx minn setgha qallu biex jigi jigbor it-television. Ikkonfermat li t-television in kwistjoni ghadu ghand it-tifla Lorraine Farrugia sal-lum.

L-intimat **Rodney Testa** xehed fl-istess seduta tat-13 ta’ Novembru 2013 u qal illi huwa sar jaf li kien miet Kyle Farrugia mill-gazzetti online, u esebixxa kopja ta’ dan l-artiklu li gie mmarkat bhala Dok X. Qal li minhabba dawn ic-cirkustanzi huma ma ghamlux kuntatt mill-ewwel mal-familjari tieghu. Iddikjara li kull kuntatt li sar mar-rikorrenti ma sarx biss minnu imma wkoll mill-impjegata tieghu u huwa jiena qatt ma gie offrut sabiex jigbor lura it-television. L-intimat esebixxa kopja tal-logs tal-messaggi li gew skambjati  bejnu u bejn is-sinjura Lorraine Farrugia rigwardanti dan it-television li giet immarkata bhala Dok Y. Qal li kien hemm ftehim verbali li l-pagamenti kellhom jitrangaw b’mod mensili. Fil-fatt kien baghat lill-credit controller tieghu biex jitkellem mas-sinjura Farrugia dwar din il-kwistjoni, certu Stephen Muscat, u fil-fatt ir-rikoorenti kienet kordjali hafna mieghu u lanqas dak inhar ma kienet irrifjutat li thallas. Fil-fatt kienet talbet li jghaddulha kopja tal-kuntratt, liema kopja ghaddewielha u kien wara dan li huwa kellimha ghaliex riedet li jiehu lura t-television. Pero’ huwa ma accettax li jiehu t-television lura u dan ghaliex il-packaging tat-television ma kienx ghadu fil-pussess taghha, it-televison intuza, u anke minhabba l-fatt li fil-passat kienet anke qalet li kienet ser thallsu lura.

**Stephen Muscat**, xehed ukoll fit-13 ta' Novembru 2013 u spjega li huwa jahdem bhala credit controller mal-kumpanija Technoworld. Qal li fl-1 ta' Awwissu 2010 huwa kien ikkomunika mas-sinjura Lorraine Farrugia, kien il-jum ta' Erbgha kien ghal-habta tat-tmienja ta' fil-ghodu u fil-fatt ir-rikorrenti kienet laqghatu gewwa darha u bdiet tirrakontalu l-istorja ta' kif grat il-mewt ta' binha Kyle Farrugia. Spjega anzi li sena kienet Awwissu 2013. Hija qaltlu li fil-fatt hija tahdem kwazi kuljum u jkollha biss gurnata wahda biss frank, Sibt fix-xahar u li effettivament tahdem mal-Park Towers. Tenna li qaltlu wkoll li wara l-incident kienet caqalqet it-television mill-kamra tas-sodda ta' Kyle u poggietu fil-kamra tas-salott u dan sabiex ikun jista' jgawdih kulhadd u hi tkun tista' tiftakar f'binha. Fil-fatt kienet urietu dan it-television fis-salott. Fil-fatt fl-ebda hin ma qaltlu li ma riditx thallas. Ix-xhud stqarr li qaltlu wkoll li television kien ta' mobilja ghaliha u qaltlu wkoll pero' li ma kinetx fil-pozizzjoni li thallas il-bilanc kollu dovut peress li kienet qed thallas xi mechanics fuq xi tiswija li saret fuq il-vettura taghha. Qal ukoll li urietu xi ivoice u xi ircevuti. Huwa kien qalilha li kien lest li jkellem lid-Direttur tieghu, lil certu Rodney Testa u dan sabiex hija tkun f'pozizzjoni li thallas il-bilanc restanti f'pagamenti mensili. Fit-2 ta' Awwissu 2013 ghal habta ta' nofsinhar, hija kienet marret gewwa l-hanut tat-Technoworld, qalet li ma kelliex il-kopja tal-kuntratt u qalulha li kienu lesti li jaghtuha kopja ohra tal-kuntratt. Fil-fatt is-sinjura Farrugia marret u talbet li tara l-kuntratt originali ta' Kyle Farrugia, tawha kopja tal-kuntratt u hi qaltilhom li kienet ser tiehdu maghha sabiex jkollha zmien sabiex tarah fil-weekend. It-tnejn ta' wara fil-5 ta' Awwissu kienet cemplitlu Lorraine Farrugia u qaltlu li ma kinitx ser thallas. Ix-xhud qalilha li kien ser jinforma lid-Direttur tieghu Rodney Testa u minn hemmhekk beda jikkomunika hu direttament ma' Lorraine Farrugia. Mistoqsi jekk effettivament Lorraine Farrugia qattx qaltlu li ma kinitx ser thallas, wiegeb li effettivament qatt ma gie indikat li effettivament ma riditx thallas. Fil-fatt ma kommetietx ruhha li riedet thallas imma kienet dubjuza. Ikkonferma li fl-ebda hin ma ghaddietlu xi kumment. Mistoqsi jekk effettivament kienx hemm xi trattazzjoni dwar modelatijiet ta' hlas godda wiegeb li ma kienx hemm - kienu biss fit-trattattivi. Ix-xhud spjega li ir-rikorrenti qatt

ma uriet li ma riditx thallas pero' l-istorja kienet wahda dubjuza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fl-istess seduta tat-13 ta' Novembru 2013.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza il-punti fattwali ma humiex kontestati u hija biss kwistjoni legali li ghandha tigi indirizzata.

Jirrizulta li bin ir-rikorrenti Kyle Farrugia kien xtara television minghand l-intimat u cioe' mill-hanut tieghu Technoworld ghas-somma globali ta' €1,260. Jirrizulta pero' li dan ma xtrahx *cash* izda kien iffirma kuntratt sabiex jixtrih b'pagamenti mensili u ghalhekk kien iffirma numru ta' kambjali fejn obbliga ruhu li jhallas id-debitu tieghu f'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' €140. Fil-fatt kien lahaq hallas tlett pagamenti fl-ammont ta' €420 u dan ghaliex nhar it-22 ta' Mejju 2010 l-istess Kyle Farrugia nstab mejjet f'cirkostanzi sfortunati.

Illi illum l-intimat qed jippretendi lir-rikorrenti thallsu il-bilanc ta' €840 u dan fil-vesti taghha ta' werrieta ta' binha. Ir-rikorrenti minn naha taghha qed tichad li thallas dan l-ammont peress illi hija kienet irrinunzjat ghall-wirt ta' binha kif jirrizulta mid-digriet esebit numru 584/2013 moghti mill-Qorti Volontarja fuq dikjarazzjoni mahlufa mir-rikorrenti nhar it-23 ta' Awwissu 2013.

Illi fit-trattazzjoni taghha r-rikorrenti tikkontesta li thallas dan il-bilanc fl-ewwel lok ghaliex temmen li l-kambjali esebiti m' ghandhomx jigu rezi esegwibbli fil-konfront taghha stante li l-procedura li ntuzat hija hazina ghaliex ir-rikorrenti mhix il-firmatarja ta' dawn il-kambjali u fit-tieni lok hija mhix il-werrieta ta' binha u ghalhekk din il-Qorti ghandha twaqqaf l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali fil-konfront taghha.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm ir-rikorrenti ibbazat id-difiza taghha fuq zewg binarji fir-rikors promotur taghha, hija topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali sempliciment

ghaliex hija mhix il-werrieta ta' binha u ghalhekk m'ghandhomx jigu rezi esegwibbli fl-konfront taghha. Jinghad ghalhekk li dik il-parti tat-trattazzjoni orali taghha fejn issostni li l-procedura li intuzat mhix dik idonea ser tigi skartata peress illi l-Qorti hija marbuta taghti sentenza fuq t-talbiet li ghandha quddiemha.

Ghalhekk huwa biss dan il-punt li ser jigi trattat u cioe' jekk ir-rikorenti ghandhiex tigi kunsidrata li hija l-werrieta ta' binha minhabba l-agir taghha jew stante li ghaddew it-tlett xhur preskritti mill-ligi ghar-renunzja ghandux l-intimat jagixxi fil-konfront ta' werrieta ohra ope legis.

Bhala fatt mhux kontestat li r-rikorrenti qabdet it-televison ta' binha wara l-mewt tieghu u nehhietu mill-kamra tas-sodda tieghu u poggietu fis-salott sabiex jintuza mill-familja kollha. Jirrizulta wkoll li ricentement hija ppprezentat dan l-istess television il-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu u dan nhar it-28 ta' Awwissu 2013 (Cedola Nru: 1634/13).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi jirrizulta minn ezami ta' l-atti li l-intimat odjern kien ipprezenta Ittra Ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta nhar id-9 ta' Awwissu 2013 fejn ghamel referenza ghas-sitt kambjali iffirmati u accettati mill-mejjet Kyle Farrugia li jgibu n-numri 4 sa 9 u li ghandhom valur ta' tmien mija u erbghin ewro (€840) kif hu illustrat mill-kambjali annessi mal-Ittra Ufficcjali u kopja taghhom esebiti f'dawn l-atti a fol. 13 et seq tal-process u li permezz ta' din l-ittra ttenta jrendi esegwibbli ghall-iskopijiet u effetti kollha tal-ligi l-istess sitt kambjali u permezz tal-procedura odjerna ir-rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti tordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni taghhom.

Illi jirrizulta wkoll bhala fatt li Kyle Farrugia miet nhar it-22 ta' Mejju 2010 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok A. Dan miet intestate u ghalhekk ope legis il-werrieta tieghu huma l-genituri tieghu - ir-rikorrenti odjerna u missieru li mhux parti minn dan ir-rikors. Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti in segwitu pprezenta

dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qorti Volontarja nhar it-23 ta' Awwissu 2013 fejn irrinunzjat ghal sehma mill-wirt ta' binha Kyle. Ghalhekk dak li trid tara l-Qorti huwa jekk b'din l-azzjoni r-rikorrenti ghandiex tibqa' tigi kunsidrata bhala l-werrieta ta' binha. L-intimat isostni li n-nota ta' rinunzja m'ghandhiex ikollha effett minhabba zewg ragunijiet:

(i) illi ladarba r-rikorrenti hija kellha fil-pussess taghha l-hwejjeg tal-wirt ta' binha, ossia it-television, hija ma setghetx tirrinunzja ghall-wirt
wara tliet xhur mid-data tal-mewt tieghu; u
(ii) illi ir-rikorrenti, qabel ir-rinunzja, kienet gja wettqet atti li jindikaw illi kienet diga` accettat il-wirt ta` binha billi harget it-television minn fejn kien u cioe' mill-kamra tas-sodda tieghu u poggietu fis-salott sabiex jintuza mill-familja kollha. In oltre n-nota ta' rinunzja saret kwazi tlett snin wara il-mewt tieghu.

L-Qorti taghmel riferenza ghall-**Artikolu 869 tal-Kap 16** li jaqra hekk:

"*B'dak kollu li jinghad fl-artikolu ta' qabel dan, l-imsejhin ghall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuh tas-successjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt, kemm il-darba ma jkunux imxew skond id-disposizzjonijiet dwar il-beneficcju ta' l-inventarju ; u, jitqiesu bhala werrieta minghajr dan il-beneficcju ukoll jekk kontra dan jghidu li huma jippossjedu dawk il-hwejjeg taht titolu iehor*".

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza citata mill-intimat fl-ismijiet '**Pauline sive Polly Fenech kontra Tereza Schembri et',** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn ghamlet referenza ghas-sentenza taghha tat-22 ta` April 1965 fl-ismijiet '**Olivieri vs Caruana Colombo et noe**`, fejn dik il-Qorti ipprospettat tliet sitwazzjoni fejn si tratta ta` accettazzjoni o meno ta' wirt:

“(a) L-eredi li jkun fil-pussess attwali ta’ l-eredita’, li ghandu biss tlett xhur mill-apertura tas-successjoni jew ‘a die scientiae’ taghha (**Artikolu 922**) salvi l-prorogi ghall-inventarju (**Artikolu 923**) u z-zmien ta’ erbghin gurnata ghad-dikjarazzjoni ta’ l-accettazzjoni (**Artikolu 924**). Il-pussess attwali ta’ l-eredita’ jfisser ‘pussess fizikament reali’ u mhux biss dak legali li jghaddi ghand l-eredi mid-decuius.

(b) l-eredi li ma jkollux il-pussess reali fuq imsemmi u ma jkunx agixxa fl-eredita u li tigi proposta xi istanza kontra tieghu, li ghalih it-terminu irid jigi impost mill-qorti (**Artikolu 925(1)).**

(c) l-eredi li mhux biss ma jkunx ha l-pussess fuq imsemmi u ma jkunx indahal fil-wirt imma wkoll li ma tkunx giet proposta ebda istanza kontra tieghu, f’liema kaz il-perjodu ghall-formalitajiet in kwistjoni jestendi ghall-perjodu preskrittiv ta’ l-accettazzjoni tal-wirt, li fil-kaz li l-eredita’ tkun vakanti huwa ta’ tletin sena (**Artikolu 925(2), 900** tal-Kodici Civili).”

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta` April 1962 fil-kawza ‘**Farrugia vs Farrugia et**’, inghad illi: *“biex tirrikorri l-accettazzjoni tacita ta’ eredita’ jehtieg li jkun hemm successibbli, li dan is-successibbli jkollu l-intenzjoni li jaccetta l-eredita’, li jaghmel xi att li jista’ jaghmlu biss bhala eredi, u li minn dan l-att tkun tidher necessarjament il-volonta’ tieghu li jaccetta l-eredita’. L-att irid ikun tali li certament, necessarjament u univokament (enfasi tal-Qorti) minnu ma tkunx tista’ tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamel dak l-att ikun accetta l-eredita’. Il-prova li l-att ikun ghandu dawn il-karatteristici tinkombi lil min jallega li dak l-att ghandu dawk il-karatteristici*.”

Kif mfisser fil-kawza “**Camilleri vs Aquilina et**”, deciza fit-13 ta’ Ottubru, 1983, “*l-accettazzjoni tkun espressa meta l-wirt ikun accettat f’kuntratt pubbliku jew skrittura privata, u tkun tacita meta l-eredi jaghmel att li necessarjament timplika r-rieda tieghu li jaccetta l-wirt, u li ma jkunx intitolat li jaghmel hlief fil-kapacita’ tieghu ta’ eredi. Il-gurisprudenza hi fis-sens li l-att irid ikun*

*tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita' "(*ara Vol. XLVI.1.214).

Issa fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li in effetti ir-rikorrenti verament ghamlet att ta' eredi u cioe' billi qabdet u gabret it-television mill-kamra tat-tifel u dan ftit wara li miet it-tifel u poggietu fis-salott. Ir-rikorrenti kienet taf li dan it-television kien jappartjeni lit-tifel (ghaliex kienet taf li kien xtrah hu) u fil-fatt qaghdet tgawdih ghall-perjodu twil u cioe' kwazi tlett snin u cioe' minn meta miet mit-22 ta' Mejju 2010 sakemm iddecidiet li tiddepozitah taht il-ksutodja tal-Qorti pemezz ta' cedola nhar it-28 ta' Awwissu 2013 (Cedola Nru: 1634/13). Ghalhekk lahaq ghadda zmien konsiderevoli u kien meta l-intimat fittixha ghall-bilanc li hija iddecidiet li ma taccettax il-wirt spettanti lilha u tagixxi sabiex tipprezenta ir-rinunzja relattiva. L-istorja kienet tkun ferm differenti jekk wara li miet it-tifel, fi zmien it-tlett xhur preskritti mill-ligi, pprezentat id-dikjarazzjoni ta' renunzja taghha jew adirittura idsepositat it-television taht il-kustodja tal-Qorti sabiex tesimi ruhha minn kwalsiasi responsabbilta' pero' dan m'ghamlitux.

Jinghad b'dispjacir li effettivament agixxiet tard wisq u ghalhekk il-wirt kien lahaq gie mghoddi lilha u lil missier it-tifel. Pero' la l-intimat ghogbu jagixxi biss kontra ir-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax taghti gudizzju fil-konfront ta' missier it-tifel u u dan ghaliex ma jifformax parti minn din il-kawza.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda, filwaqt li tilqa' ir-risposta tal-intimat qieghda tichad it-talba rikorrenti billi tichad it-talba rikorrenti ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------